MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 8/2006

**Med Developers, Designers**
**& Consultants Ltd (C 22964)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Mosta u skond digriet tat-3**
**ta' Mejju 2006 giet msejjha fil-kawza il-Kumitat**
**Kongunt (Joint Committee for the Northern District)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fis-27 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallasha s-somma ta' elf u mitejn u tmin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1208.95), liema somma hija dovuta skond kif indikat fuq prospett hawn anness u mmarkat bl-ittra "A" u tinkorpora "contract management fees", "subscription fees", konsulenza u xoghol addizzjonali. Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra

interpellatorja datata 22 ta’ Novembru 2005 (kopja dok “B” hawn annessa) u bl-imghax bl-oghla rata skond il-ligi, mid-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-Kunsill Lokali Mosta pprezentat fit-3 ta’ Marzu 2006, li permezz taghha irrespinga t-talba attrici billi ecepixxa (1) illi preliminarjament mhuwiex il-legittimu kontradittur, in kwantu m’ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici stante li semmai il-ftehim taghha sar mal-Kumitat Kongunt (Joint Committee for the Northern District), (2) illi l-ammont pretiz mhux dovut u (3) salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra r-**Rikors** tal-Kunsill konvenut tat-2 ta’ Mejju 2006 u d-digriet ghall-istess tat-3 ta’ Mejju 2006 ;

Ra illi l-Kumitat Kongunt (Joint Comittee for the Northern District) gie notifikat bhala kjamat fit-28 ta’ Mejju 2006, u ma pprezenta ebda risposta.

Ra illi fl-ahhar tlett seduti la deheru l-konvenuti, la l-kjamat in kawza u lanqas id-difensuri taghhom, u l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra :

Illi l-uniku xhud prodott f’din il-kawza kien l-Perit Anthony Bezzina in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, li xehed illi x-xoghol pprestat mis-socjeta` attrici kien dak ta’ “Contract Management fuq ix-xogholijiet ta’ dwal tat-toroq fil-lokalita` tal-Mosta”.

Jghid wkoll (16.01.07) illi d-ditta tieghu kienet hadet it-tender mill-Kumitat Kongunt Tramuntana, kumitat ffurmat minn sitt Kunsilli Lokali diversi. In sostenn ta’ dan ipprezenta Dok AB1.

Jispjega illi l-arrangament sar bejn id-ditta attrici u l-membri tal-Kumitat Kongunt u l-ftehim kien “illi kull Kunsill

Lokali individwali jhallas tax-xoghol illi ahna provvdejna lil dak il-Kunsill partikolari". Jispjega u jipprezenta anke dokumentazzjoni in sostenn ta' dan l-arrangament – Dok AB2, Dok AB3 u Dok AB4.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta` attrici, mhux kontradetti, jidher ghalhekk illi l-Kumitat Kongunt Tramuntana kjamat in kawza hareg u assenja t-tender, b'dana kollu l-hlas kien isir minn kull Kunsill Lokali rispettiv skond u relattiv ghax-xoghol li kien isir lil kull Kunsill Lokali partikolari. Mix-xhieda ta' l-Perit Anthony Bezzina u d-dokumentazzjoni minnhu pprezentata dan jirrizulta car – u ma jinsab xejn fil-process illi b'xi mod jista` jikkontradixxi l-istess fatti.

L-istatement 'Dok A' ma' l-Avviz gie mhux biss ikkonfermat bil-gurament ta' l-uniku xhud f'din il-kawza, imma anke sostanzjat bil-fatturi kollha relattivi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jillibera lill-Kumitat Kongunt (Joint Committee for the Northern District) kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa` t-talba attrici fil-konfront biss tal-Kunsill Lokali Mosta konvenut u jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali Mosta ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mitejn u tmien Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1208.95), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz.

Bl-ispejjes kollha kontra l-Kunsill Lokali Mosta konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------